MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Numru. 9/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v-**

**PAUL GRECH bin Anthony u Sylvia nee Mizzi, imwieled fil-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 1973 u residenti 'Ta Xangura', Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 25273(G)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **PAUL GRECH** bin Anthony u Sylvia nee Mizzi, imwieled fil-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 1973 u residenti 'Ta Xangura', Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 25273(G)

gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Novembru 2005 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta’ filghodu f’Kercem, Ghawdex, ha, jew ipprova jiehu jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasfur meta kien fil-[pussess ta’ mozz elettriku jew elettroniku ghal uzu ta’ tisfir ta’ ghasafar registrati [pre recorded bird caller].
Rat l-atti kollha tal-kawza .

Semghet lil Dottor Justyne Caruana, debitament awtorizzata mill-imputat, tirregistra ammissjoni ghal akkuza kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li Dottor Justyne Caruana, debitament awtorizzata mill-imputat, wiegbet li l-imputat kien hati din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba li hi tat ghal imputat u taghtha zmien xieraq biex jekk trid jerga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni ta’ Dottor Justyne Caruana, debitament awtorizzata mill-imputat.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat permezz ta’ Dottor Justyne Caruana, debitament minnu awtorizzata, l-Qorti tiddikjara li qed issb lil imputat PAUL GRECH hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghalhekk **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment r-Regolament 13(1)(b) u l-Avviz Legali numru 146 tas-sena 1993, **tiddikjara li ssib lil imputat PAUL GRECH hati tal-akkuzi kif minnu ammessi u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ hamsin lira maltin u tordna l-konfiska tal-pre recorded bird caller.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------